


## It-Teatru Manoel u l-Kuncerti Sinfoniċi li tat is-Soċ. Fil. Pinto Banda San Sebastjan f'dan il-post



### It-Teatru Manoel – Bżonn fil-Gżejjer Maltin fis-Seklu Tmintax

Is-sekli sbatax u tmintax, kienu żminijiet fejn kien hemm talba kbira għall-opri, drama u xogħolijiet tejatrali. Dawn ix-xogħolijiet artistiċi bdew jiġbdu iktar nies minħabba li ma baqawx biss xi ħaġa tan-nobilta' kif kien qabel.

Fl-1731il-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena sab li kien hemm il-bżonn li jkun hemm post ċentrali fejn in-nies jistgħu jirrikrejaw lilhom infushom. Kien għalhekk li kkummissjona u ħallas il-bini ta' teatru pubbliku.

### It-Teatru Manoel taħt ħakmiet differenti.

Ix-xogħol tlesta f' għaxar xhur. Oriġinarjament ġewwa kien kollu ta' l-injam u kien iddisinjat fuq it-teatru ta' Palermo. Fid-9 ta' Jannar 1732, kien hemm l-ewwel preżentazzjoni tat-traġedja Merope. Għal sittin sena sħaħ jiġifieri sal-bidu tal-waqgħa ta' l-Ordni ta' San Ġwann f' Malta, kien ikun hemm fih ħafna xogħolijiet teatrali.



Fl-1798 mal-waqgħa ta' Malta taħt il-ħakma Franċiża, l-importanza ta' teatru f'Malta naqas ħafna. Dan minħabba li l-popolazzjoni Maltija kienet iktar moħħha kif tista' teħles mill-ħakma Franċiża.

Iżda, mal-bidu tas-Seklu dsatax wasal l-Imperu Ingliż f'Malta u t-teatru reġa beda jikseb l-importanza. It-Teatru sarulu xi tibdiliet fejn ġie mkabbar. Għal darba oħra sar il-post nazzjonali għal xogħolijiet teatrali u ta' rikreazzjoni. Wara sittin sena oħra ta' suċċess f'dan it-teatru, ġara li issa kien sar żgħir minħabba n-numru kbir ta' nies li kienu jattendu. Għalhekk, in-nies bdew jattendu it-Teatru Rjal li kien għadu kif inbena. It-Teatru Manoel spiċċa mill-użu tiegħu u kien sar post għat-tallaba.

It-Teatru Manoel reġa' sar popolari wara li fl-1873 inħaraq it-Teatru Rjal. Din il-popolarita tat-Teatru Manoel damet biss ftit żmien sakemm reġa' inbena it-teatru l-ieħor. Hawn it-teatru Manoel l-ewwel sar sala taż-żfin u mbagħad ċinema. Fit-tieni Gwerra Dinjija, l-post serva bħala post għal dawk li ma kellhomx djar, nies li mietu bil-bombi ta' l-istess gwerra li kissru totalment



it-Teatru Rjal fl-1944. Mal-qawmien tal-gżejjer Maltin mill-gwerra qerrieda, t-Teatru Manoel reġa' ħa l-ħajja.
Wara għaxar snin ta' restawr, it-teatru sar wieħed mill-aqwa fejn reġgħet bdiet tidher l-arti u s-sbuħija tiegħu. Fl-1960, kien hemm ftuħ ieħor mill-aqwa għat-Teatru Manoel – teatru li għadu jgawdi mportanza kbira sa llum taħt gvernijiet differenti Maltin.

It-Teatru Manoel hu teatru li jħaddan storja mill-isbaħ. Iżda x' inhi r-rabta bejn dan it-teatru tant prestiġjuż u s-Soċjeta` Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan? X' suċċessi kellha l-Banda f'dan il-post?

**Kunċerti Sinfoniċi mis-Soċjeta Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan fit-Teatru Manoel.**

It-Teatru Manoel hu post fejn normalment banda waħda biss, minn fost il-baned tal-festi Maltin iddoqq kunċert sinfoniku kull sena fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Ċeċilja (Patruna tal-Mużika). Din il-banda tinbidel minn sena għall-oħra skond min ikun imiss fil-lista. Għalhekk dan jagħmel it-teatru bħala wieħed iktar ta' prestiġju għall-baned Maltin.



**Suċċess fl-1994**

L-ewwel suċċess tal-Banda tagħna fit-Teatru Manoel kien fl-1994. Dan kien każ speċjali fejn il-banda daqqet f'dan il-post mhux għall-festa ta' Santa Ċeċilja. Fil-fatt il-banda daqqet fit-Teatru Manoel minflok fil-post fejn il-banda kellha teżegwixxi programm sinfoniku minħabba li kien inqala inċident ta' ħruq.

Dan il-kunċert ġibdet numru kbir ta' nies fejn mhux biss imtlew il-postijiet tat-Teatru iżda kien hemm ukoll numru kbir ta' nies bil-wieqfa.

Id-direzzjoni tal-kunċert kienet f' idejn is-Surmast preżenti Mro. Dominic Darmanin li kien għadu kif laħaq surmast ta' din is-Soċjeta`. Il-Mużika li ndaqqet kienet:

- Tannhauser Overture ta' R. Wagner;
- Il Barbiere di Siviglia miktuba minn G. Rossini;
- Preludio e terzetto finale minn I Lombardi, xogħol ta' Giuseppe Verdi;
- 7-Latin li hu arranġament magħmul minn M. Rosenbeg. Fil-fatt dan huwa it-tieni moviment tas-Seba' Sinfonija ta' Beethoven b'arranġament fuq stil Latin-American.
- L-Assedji miktuba mill-mużiċista Malti Mro. Anthony Chircop li wkoll hu ex-surmast tal-Banda.
- Te Deum miktub minn Mro. Joseph Magri li hu wkoll ex-surmast tas-Soċjeta` Filarmonika Pinto - Banda San Sebastjan. Din kienet il-parti mużikali ewlenija u ġiet esegwita b' mod perfett u meraviljuż.

**Suċċess ieħor fis-Sena 2003**

F'Novembru tas-Sena li għaddiet, il-Banda kellha suċċess ieħor f'dan l-istess teatru. Din id-darba il-banda kien imissha tagħmel il-programm sinfoniku tagħha għall-festa ta' Santa Ċeċilja. Hawn il-kumitat ħaseb biex għal darba oħra jżewwaq il-programm b' xogħolijiet mużikali mill-isbaħ li ġejjin minn perjodu mużikali differenti; xogħolijiet li żgur jolqtu l-widna ta' dawk preżenti.

Għal darba oħra d-direzzjoni ta' dan il-programm kienet f'idejn is-Surmast preżenti, Mro. Dominic Darmanin. Il-mużika li ġiet eżegwita kienet:

- Finlandia, tone poem miktuba minn Jean Sibelius
- Impressions, xogħol ta' l-ex-surmast tal-Banda tagħna l-Kaptan George Debono li kienet tinkludi solo fuq it-timpani.
- Canta Italia li tinkludi numru ta' diski Taljani miktuba minn Fernando Francia
- Happy Music minn James Last, arranġament tal-banda ta' Vlad Kabec
- The Blue and the Gray, suite mill-pinna ta' Clare Grundman
- The Best of Maltese Folklore, suite miktuba mill-ex-surmast tal-banda, Mro. Anthony Chircop
- Occasional Overture, overture ta' Ronnie Debattista
- L' Amico Fritz, intermezzo miktub minn Pietro Mascagni
- La Gazza Ladra, overture ta' Gioacchino Rossini
- I Lombardi mill-pinna ta' Giuseppe Verdi

Nistħajjel li f'dan il-programm is-Soċjeta` Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan riedet tagħti ġieħ lil dan it-teatru tant prestiġjuż. Dan għamlitu bil-mużika li ġiet eżegwita tant tajjeb; mużika li ġejja mill-epoki mużikali differenti li għadda minnhom it-Teatru Manoel minn mindu inbena sal-ġurnata tal-lum.

Nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-Festa t-Tajba lill-Bastjaniżi kollha.

Viva l-Patrun Tagħna San Bastjan Martri u l-Banda tal-Qalba.

**Alan Camilleri**